Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,404, 17 ta' April, 2009
Taqsima B

A.L. 122 ta' l-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Institute of Health Care

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Institute of Health Care bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons), u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Institute of Health Care, ippubblikati bħala Avviż Legali 186 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2009 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (d) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(d) **Applied Biomedical Science:** għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew aħjar fil-Bijoloġija u fil-Kimika; u għaddew fil-Livell Intermedju fil-Fiżika;"

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. L-applikanti li jagħżlu l-qasam ta' studju Applied Biomedical Science u li għandhom grad D minflok grad Ċ f'wieħed mis-suġġetti mitluba fil-Livell Avvanzat kif indikat fil-paragrafu (d) tal-ordinament 3 jidħlu taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Kumitat tad-Dħul tal-Institute of Health Care jista' jimponi biex jagħmel tajjeb għall-element nieqes. Jekk, sal-aħħar tal-ewwel sena tal-Kors, dawn l-istudenti ma jtemmux b'suċċess ir-rekwiżiti kollha biex jitilgħu regolarment għat-tieni sena tal-Kors, huma jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors, u ma jkunux la intitolati li jirrepetu s-sena u lanqas li jitilgħu għat-tieni sena kondizzjonalment kif normalment permess skond ir-Regolamenti Prinċipali."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Oqsma ta' Studju

8. Il-Grad jista' jingħata skond il-provvedimenti ta' dawn l-ordinamenti f'wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju:

Applied Biomedical Science, Communication Therapy, Dietetics, Environmental Health, Midwifery, Nursing, Nutrition, Occupational Therapy, Physiotherapy, Podiatry, u Radiography jew f'xi qasam ieħor relatat mal-Kura tas-Saħħa, wara l-approvazzjoni tas-Senat."